



Kunsill Ewropew

Brussell, 12 ta' Marzu 2026
(OR. en)

EUCO 7/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0801(NLE)**

**CO EUR 5
INST 34
UEM 88**

ATTI LEGALI

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW li taħtar il-Viċi President tal-Bank
Ċentrali Ewropew

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW (UE) 2026/...

ta' ...

li taħtar il-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Jannar 2026 dwar il-ħatra tal-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew²,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew³,

¹ ĠU C, C/2026/707, 28.1.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/707/oj>.

² Opinjoni tal-10 ta' Marzu 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

³ Opinjoni tal-25 ta' Frar 2026 (ĠU C, C/2026/1307, 2.3.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/1307/oj>).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/509⁴, il-mandat tas-Sur Luis DE GUINDOS JURADO, Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew, jiskadi fil-31 ta' Mejju 2026. Għaldaqstant jeħtieġ li jinħatar Viċi President ġdid tal-Bank Ċentrali Ewropew.
- (2) Huwa xieraq li l-Kunsill Ewropew jaħtar lis-Sur Boris VUJČIĆ, li jissodisfa r-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/509 tat-22 ta' Marzu 2018 li taħtar il-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 83, 27.3.2018, p. 15, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2018/509/oj>).

Artikolu 1

Is-Sur Boris VUJČIĆ huwa b'dan maħtur Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin mill-1 ta' Ġunju 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill Ewropew

Il-President
